MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1047/2007

**Dr. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta` PUMA AG Rudolf Dassler Sport**

**vs**

**Dr. Mark Busuttil u l-PL Liliana Buhagiar gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil Sun Asia Trading Ltd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-Av. Dr. Philip Manduca fejn bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera PUMA AG Rudolf Dassler Sport fejn wara li ppremetta illi:

Is-socjeta` attrici hi proprjetarja tal-marka “PUMA” registrat f`Malta bin-numru 13091 u tal-marka “Cat” registrat f`Malta bin-numru 13092.

Dan l-ahhar l-konvenut ikkontravjena t-trademark in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-trademark ghar-rigward ta` oggett li huma identici ma` dawk li dwarhom it-trademark tas-socjeta` attrici giet registrata u dan billi gab f`Malta kwantita` ta` hwejjeg bil-marki ta` “Puma” liema hwejjeg mhumiex modelli tas-socjeta` attrici u ghandhom *“clear cut infingements of PUMA leaping cat trademark”*.

Ghalhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

Ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda ta` l-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f`Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta` tas-socjeta` attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 ta l-Att dwar it-Trademarks u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta` Malta (EC 1383/2003).

Talbu lil konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-trademark jew trademarks proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta` Malta u b`hekk ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici minhabba l-agir tal-konvenut.

3. tikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta` attrici dawk id-danni fuq imsemmija.

4. tordna l-qerda tal-oggetti (hwejjeg) spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f`Malta fil-container **XINU 1031820** mill-konvenut bit-trademark/s tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tat-30 ta` Ottubru, 2007 li permezz tieghu gew nominati Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali

Liliana Buhagiar bhala kuraturi tas-socjeta` konvenuta assenti.

Rat ir-risposta tal-imsemmija kuraturi fejn dawn qalu illi:

L-esponenti m`humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f`stadju ulterjuri.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit ta` Neil Nazziman, Brand Protection Manager tas-socjeta` attrici li permezz tieghu ikkonferma li l-oggetti ta` hwejjeg maqbuda jikkontravjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tal-istess socjeta` u li l-istess oggetti huma foloz.

Rat l-affidavit ta` George Agius, rapprezentant tad-Dwana ta` Malta.

Mill-premess, il-Qorti hija sodisfatta li l-fatti kif elenkati fir-rikors promotur gew pruvati, u dan fi grad tekniku sodisfacenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi

1. tilqa` l-ewwel talba ta` l-attur nomine,

2. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba stante li ma ngabu ebda provi fir-rigward,

Tordna lill-kontrollur tad-Dwana jiddistruggi l-merkanzija imsemmija u dan sa mhux aktar tard minn xahar minn dakinhar li jigi notifikat a karigu tar-rikorrenti b`kopja awtentikata ta` din is-sentenza.

Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata mid-distruzzjoni idahhal nota fl-atti ta` din il-kawza li biha jgharraf lill-Qorti bl-esekuzzjoni tal-ordni moghtija b`din is-sentenza.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjeta` konvenuta b`dana illi provvisorjament id-drittijiet tal-kuraturi jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------